PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0122(COD)

22.10.2008

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2001/470/KE tal-Kunsill li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali
(COM(2008)0380 – C6-0248/2008 – 2008/0122(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Ona Juknevičienė

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2001/470/KE tal-Kunsill li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali
(COM(2008)0380 – C6-0248/2008 – 2008/0122(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0380),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikoli 61(c) u 67(5) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0248/2008),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0000/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-ewwelnett, huwa indispensabbli li tintlaħaq strutturazzjoni aqwa ta' l-iffunzjonar *tan-netwerk* fl-Istati Membri madwar punt ta' kuntatt nazzjonali u, għalhekk, li jissaħħaħ ir-rwol ***tiegħu*** kemm fil-qafas *tan-netwerk* u kemm fir-rigward ta' l-imħallfin***, tal-prattikanti tal-liġi u tas-soċjetà ċivili***.	(5) L-ewwelnett, huwa indispensabbli li tintlaħaq strutturazzjoni aqwa ta' l-iffunzjonar *tan-Netwerk* fl-Istati Membri madwar punt ***jew punti*** ta' kuntatt nazzjonali u, għalhekk, li jissaħħaħ ir-rwol ***tal-punti ta' kuntatt*** kemm fil-qafas *tan-Netwerk* u kemm fir-rigward ta' l-imħallfin ***u ta' ċerti assoċjazzjonijiet professjonali legali***.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Deċiżjoni 2001/470/KE fil-qasam ta' titjib tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Unjoni u l-aċċess għall-ġustizzja taċ-ċittadini, ***il-professjonijiet*** legali li jaqblu direttament ma' l-applikazzjoni ta' l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali rigward il-ġustizzja ċivili jridu jsiru membri *tal-liġi tan-netwerk* ***fuq il-bażi ta' l-organizzazzjonijiet nazzjonali tagħhom***.	(9) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Deċiżjoni 2001/470/KE fil-qasam ta' titjib tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Unjoni u l-aċċess għall-ġustizzja taċ-ċittadini, ***l-assoċjazzjonijiet professjonali*** legali***, li huma maħtura direttament mill-Istati Membri u*** li jaqblu direttament ma' l-applikazzjoni ta' l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali rigward il-ġustizzja ċivili jridu jsiru membri *tan-Netwerk*.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Sabiex ***jiġu żviluppati l-missjonijiet tan-netwerk fil-qasam ta'*** l-aċċess għall-ġustizzja, ***jaqbel ukoll li l-punti*** tal-kuntatt fl-Istati Membri ***jsiru aċċessibbli b'mod progressiv għall-pubbliku permezz ta' mezzi moderni ta' komunikazzjoni***.	(10) Sabiex ***jiġi ffaċilitat*** *aktar* l-aċċess għall-ġustizzja, ***il-punti*** tal-kuntatt fl-Istati Membri ***għandhom jitħeġġew biex ikollhom rwol attiv fl-iżvilupp tal-ġustizzja elettronika Ewropea billi jikkontribwixxu għall-ħolqien u d-disinn tal-portali tal-futur, inkluż il-portal tal-ġustizzja elettronika għaċ-ċittadini, bħala parti mill-politika tal-Komunità dwar il-ġustizzja elettronika, imfassla b'mod partikulari biex iċ-ċittadini jkollhom aċċess dirett għall-ġustizzja. Bħala l-ewwel pass, il-websajts tal-Ministeri nazzjonali tal-Ġustizzja għandu jkun fihom ħolqa għas-sit tan-Netwerk***

Ġudizzjarju Ewropew.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a – sottopunt ii
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(e) *l-ordnijiet* professjonali li fil-livell nazzjonali ta' l-Istati Membri jirrappreżentaw ***l-avukati, in-nutara, l-marixxalli u l-professjonisti*** legali ***l-oħra*** li jipparteċipaw direttament fl-applikazzjoni ta' l-atti Komunitarji u ta' l-istrumenti *internazzjonali relattivi għall-kooperazzjoni* ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali."	"(e) *l-assoċjazzjonijiet* professjonali li fil-livell nazzjonali ta' l-Istati Membri jirrappreżentaw ***lill-professjonisti*** legali li jipparteċipaw direttament fl-applikazzjoni ta' l-atti Komunitarji u ta' l-istrumenti internazzjonali *marbuta mal-kooperazzjoni* ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali."

Or. en

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b – sottopunt i
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 2 – sottoparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Meta Stat Membru jaħtar diversi punti tal-kuntatt, huwa għandu ***jaħtar fosthom punt tal-kuntatt prinċipali u jassigura*** l-iffunzjonar tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adattati ***bejniethom***. ***Il-persuna maħtura bħala punt ta' kuntatt uniku jew bħala punt ta' kuntatt prinċipali ta' Stat Membru teżerċita esklussivament il-funzjonijiet ta' punt tal-kuntatt previsti minn din id-Deċiżjoni, bl-***	"Meta Stat Membru jaħtar diversi punti tal-kuntatt, huwa għandu ***jiżgura li l-ħatra u r-responsabilitajiet speċifiċi ta' kull punt tal-kuntatt ikunu nnotifikati lill Kummissjoni u għandu jiżgura wkoll*** l-iffunzjonar tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adattati ***bejn il-punti tal-kuntatt***."

esklużjoni ta' kull funzjoni oħra, partikolarment dawk imsemmija mid-Deċiżjoni fil-paragrafu 1 b), ċ), d) u e)."

Or. en

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b – sottopunt ii
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 2 – sottoparagrafu 2 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Jekk il-punt tal-kuntatt maħtur bis-saħħa *tal-paragrafu 2* mhuwiex imħallef, l-Istat Membru konċernat għandu ***jaħtar imħallef sabiex jassistih fix-xogħol ta' kooperazzjoni tiegħu ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali***. Dan l-imħallef għandu jkun membru sħiħ *tan-netwerk*."	"Jekk il-punt tal-kuntatt maħtur bis-saħħa *tal-paragrafu 1* mhuwiex imħallef, l-Istat Membru konċernat għandu ***jaħseb għal kooperazzjoni effettiva mal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali u jista' jaħtar imħallef biex jappoġġja din il-funzjoni***. Dan l-imħallef għandu jkun membru sħiħ *tan-Netwerk*."

Or. en

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b – sottopunt ii a (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) Jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:
	"2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti tal-kuntatt ikollhom biżżejjed faċilitajiet u faċilitajiet li jkunu xierqa fir-rigward ta' staff, ta' riżorsi u ta' mezzi moderni ta' komunikazzjoni sabiex ikun żgurat li jkunu jistgħu jaħdmu b'mod effiċjenti skont l-objettivi u l-kompiti ta'

din id-Deċiżjoni."

Or. en

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 –punt 1 – sottopunt c
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"3. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 b)***,*** ***c) u e)***. ***Għall-finijiet tal-paragrafu 1 e),*** meta fl-Istat Membru jeżistu diversi *ordnijiet* professjonali rappreżentattivi fil-pjan nazzjonali ta' professjoni legali, hija r-responsabilità ta' dan l-Istat Membru li jassigura rappreżentanza xierqa tal-professjoni konċernata *man-netwerk*."	"3. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 b) ***u c)***. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-professjonijiet legali l-aktar xierqa għall-finijiet tal-paragrafu 1e) u,*** meta fl-Istat Membru jeżistu diversi *assoċjazzjonijiet* professjonali rappreżentattivi fil-pjan nazzjonali ta' professjoni legali, hija r-responsabilità ta' dan l-Istat Membru li jassigura rappreżentanza xierqa tal-professjoni konċernata *man-Netwerk*."

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'konformità ma' żieda fil-paragrafu 4.

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 –punt 1 – sottopunt c a (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 4 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:
	"4a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-assoċjazzjonijiet

professjonali msemmija fil-paragrafu 1e). Għal dak il-għan, għandhom jottjenu l-qbil tal-assoċjazzjonijiet professjonali konċernati."

Or. en

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 –punt 1 – sottopunt d a (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 5 – punt (c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Fil-paragrafu 5, il-punt c) għandu jiġi ssostitwit b'li ġej:
	"*c) meta xieraq, il-funzjonijiet speċifiċi tagħhom fin-Netwerk, *anke, meta jkun hemm aktar mnn punt tal-kuntatt wieħed, ir-responsabilitajiet speċifiċi tagħhom."

Or. en

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 –punt 2 – punt b a (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt (c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Il-paragrafu li ġej jiddaħħal fil-paragrafu 2(c):
	"Is-sors ewlieni ta' informazzjoni huwa l-websajt tan-Netwerk li fih informazzjoni aġġornata bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Il-Ministeri nazzjonali tal-Ġustizzja jridu jipprovdu fil-websajts tagħhom ħolqa aċċessibbli faċilment għas-sit tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew."

Or. en

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 –punt 3 – sottopunt a
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – sottoparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Il-punti tal-kuntatt *huma* wkoll għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali ta' l-Istat Membru tagħhom u ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali ta' l-Istat Membru tagħhom ***u l-awtoritajiet stipulati fil-punt e) tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2,*** għall-istess raġunijiet, skond it-termini deċiżi minn kull Stat Membru."	"Il-punti tal-kuntatt *għandhom ikunu* wkoll għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali ta' l-Istat Membru tagħhom u ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali ta' l-Istat Membru tagħhom għall-istess raġunijiet, skond it-termini deċiżi minn kull Stat Membru."

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet ġudizzjarji biss għandhom jitħallew iressqu talbiet għal informazzjoni dwar każijiet speċifiċi. Awtoritajiet oħra għandhom jitħallew jitolbu informazzjoni ġenerali biss, inkella nirriskjaw li l-punti tal-kuntatt ikollhom piż żejjed u li nissussidjaw il-professjonisti legali.

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt a a (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – sottoparagrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Is-sottoparagrafu li ġej jiddaħħal fil-paragrafu 1:
	"Il-punti tal-kuntatt għandhom ikunu disponibbli għall-assoċjazzjonijiet professjonali msemmija fl-Artikolu 2(1)(e), skont regoli li għandhom jiġu

stabbiliti minn kull Stat Membru, sabiex jingħataw l-informazjzoni ġenerali kollha dwar l-istrumenti internazzjonali jew Komunitarji marbuta mal-koperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam kummerċjali u ċivili, filwaqt li jeskludu kull talba għal informazzjoni dwar każijiet individwali."

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet ġudizzjarji biss għandhom jitħallew iressqu talbiet għal informazzjoni dwar każijiet speċifiċi. Awtoritajiet oħra għandhom jitħallew jitolbu informazzjoni ġenerali biss, inkella x'aktarx li l-punti tal-kuntatt ikollhom piż żejjed u li nissussidjaw il-professjonisti legali.

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt b – sottopunt -i (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt (-a) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-i) jiżdied il-punt (-a) li ġej:
	"(-a) ikun żgurat li l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali jirċievu biżżejjed informazzjoni ġenerali u fuq bażi regolari dwar l-istrumenti internazzjonali u Komunitarji marbuta mal-koperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam kummerċjali u ċivili;"

Or. en

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt b – sottopunt i
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(a) tingħata kull informazzjoni meħtieġa għall-kooperazzjoni *ġudizjarja* tajba bejn l-Istati Membri, skond l-Artikolu 3, lill-punti tal-kuntatt l-oħra, lill-awtoritajiet imsemmija fil-punti b), c)***, d) u e),*** tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2 kif ukoll lill-awtoritajiet ġudizzjarji lokali ta' l-Istat Membru tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jippreparaw b'mod effettiv talba ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u l-kuntatti diretti l-aktar adattati; b'mod partikolari, tiġi pprovduta kull informazzjoni sabiex tkun faċilitata l-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat Membru ieħor li huwa applikabbli għal-litiġju jew għas-sitwazzjoni skond att Komunitarju jew ta' strument internazzjonali. Għalhekk, il-punt tal-kuntatt li tiġi ppreżentata tali talba quddiemu jista' jirrikorri għand l-awtoritajiet l-oħra ta' l-Istat Membru tiegħu msemmija fl-Artikolu 2 sabiex jagħmel il-liġi. L-informazzjoni li tinsab fir-risposta la torbot lill-punti tal-kuntatt, la lil dawn l-awtoritajiet u lanqas lill-awtorità li tkun ippreżentat it-talba."	"(a) tingħata kull informazzjoni meħtieġa għall-kooperazzjoni *ġudizzjarja* tajba bejn l-Istati Membri, skond l-Artikolu 3, lill-punti tal-kuntatt l-oħra, lill-awtoritajiet imsemmija fil-punti b), c) ***u d)*** tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2 kif ukoll lill-awtoritajiet ġudizzjarji lokali ta' l-Istat Membru tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jippreparaw b'mod effettiv talba ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u l-kuntatti diretti l-aktar adattati; b'mod partikolari, tiġi pprovduta kull informazzjoni sabiex tkun faċilitata l-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat Membru ieħor li huwa applikabbli għal-litiġju jew għas-sitwazzjoni skond att Komunitarju jew ta' strument internazzjonali. Għalhekk, il-punt tal-kuntatt li tiġi ppreżentata tali talba quddiemu jista' jirrikorri għand l-awtoritajiet l-oħra ta' l-Istat Membru tiegħu msemmija fl-Artikolu 2 sabiex jagħmel il-liġi. L-informazzjoni li tinsab fir-risposta la torbot lill-punti tal-kuntatt, la lil dawn l-awtoritajiet u lanqas lill-awtorità li tkun ippreżentat it-talba."

Or. en

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt b – sottopunt ii
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"*c) bis* il-pubbliku jiġi informat dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali fl-intern ta' l-Unjoni Ewropea, fuq l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali pertinenti u fuq il-liġi interna ta' l-Istati Membri, partikolarment	"*ca)* il-pubbliku jiġi informat***, permezz tal-websajt tan-Netwerk u ta' aktar għarfien pubbliku dwar il-websajt,*** dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali fl-intern ta' l-Unjoni Ewropea, fuq l-istrumenti Komunitarji u

f'dak li jikkonċerna l-aċċess għas-sistemi tal-qrati;"

internazzjonali pertinenti u fuq il-liġi interna ta' l-Istati Membri, partikolarment f'dak li jikkonċerna l-aċċess għas-sistemi tal-qrati***; b'mod partikulari permezz tal-provvediment ta' ħolqa fil-websajts tal-Ministeri nazzjonali tal-Ġustizzja għas-sit tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew***;"

Or. en

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 5
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-punti tal-kuntatt jirrispondu għat-talbiet kollha li jiġu ppreżentati lilhom mingħajr dewmien, u *fi żmien **għaxart ijiem*** wara li jiġu rċevuti *l-aktar tard*. Jekk punt tal-kuntatt ma jkunx jista' jilqa' t-talba fi żmien ***għaxart ijiem*** wara li jirċeviha, dan għandu jinforma fil-qosor b'dan lil min qed jagħmel it-talba b'indikazzjoni taż-żmien li hu jqis li jkun meħtieġ biex jirrispondiha.	1. Il-punti tal-kuntatt *għandhom* jirrispondu għat-talbiet kollha li jiġu ppreżentati lilhom mingħajr dewmien, u *mhux aktar tard minn **ħmistax-il ġurnata kalendarja*** wara li jiġu rċevuti. Jekk punt tal-kuntatt ma jkunx jista' jilqa' t-talba fi żmien ***ħmistax-il ġurnata kalendarja*** wara li jirċeviha, dan għandu jinforma fil-qosor b'dan lil min qed jagħmel it-talba b'indikazzjoni taż-żmien li hu jqis li jkun meħtieġ biex jirrispondiha ***iżda m'għandux idum aktar minn tletin ġurnata kalendarja***.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 5
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni żżomm reġistru	3. Il-Kummissjoni *għandha* żżomm

elettroniku sigur u b'aċċess limitat tat-talbiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u r-risposti stipulati fil-punti a), b)***, c), c)a tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 5 u ta' l-Artikolu 13 bis***. Il-punti tal-kuntatt għandhom jiżguraw li l-informazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment u għall-iffunzjonar ta' din is-sistema tiġi kkomunikata regolarment lill-Kummissjoni."

reġistru elettroniku sigur u b'aċċess limitat tat-talbiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u r-risposti stipulati fil-punti a), b) ***u c)***. Il-punti tal-kuntatt għandhom jiżguraw li l-informazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment u għall-iffunzjonar ta' din is-sistema tiġi kkomunikata regolarment lill-Kummissjoni."

Or. en

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 7
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 11 a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-pajjiżi li *jinstabu* fil-fazi ta' l-adeżjoni u l-pajjiżi kandidati jistgħu jissejħu biex jipparteċipaw f'dawn il-laqgħat bħala osservaturi. L-Istati terzi li huma partijiet ***fil-Ftehim dwar il-kompetenza ġudizzjarja, l-għarfien u t-twettiq tad-deċiżjonijiet fil-qasam ċivili u kummerċjali ffirmat f'Lugano fit-30 ta' Ottubru 2007*** jistgħu jassistu wkoll bħala osservaturi f'ċerti laqgħat *tan-netwerk*.	2. Il-pajjiżi li *jinsabu* fil-fazi ta' l-adeżjoni u l-pajjiżi kandidati jistgħu jissejħu biex jipparteċipaw f'dawn il-laqgħat bħala osservaturi. L-Istati terzi li huma partijiet ***għall-istrumenti finanzjarji dwar il-koperazzjoni finanzjarja fil-qasam kummerċjali u ċivili konklużi mill-Komunità Ewropea*** jistgħu jassistu wkoll bħala osservaturi f'ċerti laqgħat *tan-Netwerk*.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 8
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 12 a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. *In-netwerk ikollu* relazzjonijiet man-netwerks Ewropej l-oħra ***li jaqsmu l-istess għanijiet, partikolarment man-netwerk ġudizzjarju Ewropew fil-qasam penali u n-netwerk Ewropew ta' taħriġ ta' l-imħallfin***.	1. *In-Netwerk għandu jkollu* relazzjonijiet man-netwerks ***u mal-istituzzjonijiet*** Ewropej l-oħra***, bħall-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet kriminali, in-Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju u ma'oħrajn li għandhom l-istess objettivi tiegħu***.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 8
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 12 a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. *In-netwerk ikollu* relazzjonijiet *man-netwerk* taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net). Partikolarment, *sabix* tiġi pprovduta kull informazzjoni ***neċessarja*** sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-konsumaturi għall-ġustizzja, il-punti tal-kuntatt *tan-netwerk ġudizzjarju* Ewropew fil-qasam ċivili u kummerċjali *huma* għad-dispożizzjoni ***tal-punti tal-kuntatt*** *tan-netwerk ECC.Net*.	2. *In-Netwerk għandu jkollu* relazzjonijiet *man-Netwerk* taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net). Partikolarment, *sabiex* tiġi pprovduta kull informazzjoni ***ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti Komunitarji u internazzjonali*** sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-konsumaturi għall-ġustizzja, il-punti tal-kuntatt *tan-Netwerk Ġudizzjarju* Ewropew fil-qasam ċivili u kummerċjali *għandhom ikunu* għad-dispożizzjoni ***tal-membri*** *tan-Netwerk ECC-Net*.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 11
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 13 a – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni lill-pubbliku mill-punti tal-kuntatt	L-informazzjoni ***ġenerali*** lill-pubbliku mill-punti tal-kuntatt

Or. en

Emenda 23

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 11
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 13 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-punti tal-kuntatt tan-netwerk għandhom isiru aċċessibbli ***b'mod progressiv*** għall-pubbliku ***permezz tal-mezzi teknoloġiċi l-aktar xierqa sabiex dan tingħata informazzjoni*** dwar il-kontenut u l-applikazzjoni ta' l-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali *relattivi għall-kooperazzjoni* ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali ***u, jekk ikun meħtieġ, li jiġi riferut għand*** *l-awtoritajiet* responsabbli mill-applikazzjoni konkreta ***tagħhom***, partikolarment dawk stipulati fl-Artikolu 6."	***L-informazzjoni disponibbli fil-websajt tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew għandha tkun faċilment*** aċċessibbli għall-pubbliku ***b'mod partikulari permezz ta' ħolqa fil-websajts tal-Ministeri nazzjonali tal-Ġustizzja. L-informazzjoni fil-websajt trid tkun aġġornata fuq bażi regolari u trid tkun disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE sabiex il-pubbliku jkun infurmat*** dwar il-kontenut u l-applikazzjoni ta' l-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali *marbuta mal-kooperazzjoni* ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali***. Il-websajt irid ikun fiha wkoll ħoloq tal-Internet*** *għall-awtoritajiet* responsabbli mill-applikazzjoni konkreta ***tal-istrumenti***, partikolarment dawk stipulati fl-Artikolu 6."

Or. en